# 25 organizzazzjoni jibbenefikaw minn aktar minn 270,000 ewro

Dione BORG

18 ta' Diċembru, 2009  15:20 CET

25 organizzazzjoni u għaqda ibbenefikat minn għotjiet ta' aktar minn 270,000 ewro bejniethom mill-Fond tas-Soċjeta' Ċivili biex ikunu mgħejjuna jipparteċipaw aktar f'fora Ewropej, isaħħu l-affiljazzjoni barranija tagħhom u jipparteċipaw f'konferenzi internazzjonali.

Il-preżentazzjoni tal-fondi saret mis-Segretarju Parlamenari Chris Said u mill-Kap tal-Kunsill ta' Azzjoni bejn Malta u l-UE, Vanni Xuereb, li tkellmu dwar ir-rwol tal-għaqdiet u l-mod kif il-Gvern qed iwessa' l-kunċett tal-Fond tas-Soċjeta' Ċivili.

Vanni Xuereb tkellem dwar il-ħidma tal-MEUSAC u qal li bejn Diċembru 2008 u Ottubru li għadda saru 111-il laqgħa formali bejn il-MEUSAC u għaqdiet mhux governattivi dwar għajnuna fl-applikazzjoni ta' proġetti taħt il-programmi ta' fondi tal-UE.

Tul l-istess perjodu, bl-għajnuna tal-MEUSAC, 22 organizzazzjoni kisbu total ta' 2.4 miljun ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li l-Gvern hu sodisfatt bil-mod kif il-MEUSAC qed jaħdem fl-istruttura ġdida. Hu tkellem dwar l-iskopijiet tal-MEUSAC u sostna li waħda mill-isfidi li għandu dan l-Kunsill fl-2010 għandha tkun dik li aktar organizzazzjonijiet ikunu rappreżentati fil-kumitati settorjali.

Is-segretarju parlamentari Chris Said tkellem ukoll dwar il-fondi u l-opportunitajiet li hemm quddiem l-għaqdiet volontarji u spjega kif f'sena l-għaqdiet mhux governattivi ħadu 2.5 miljun ewro f'fondi biex iwettqu diversi proġetti u inizjattivi. L-2010 se tkun sena, sostna Chris Said, li fiha se jitwettqu aktar proġetti bl-iskop li s-soċjeta' tkompli tibbenefika mill-ħidma tal-għaqdiet volontarji.